# Samuel Bugeja (1920 - 2004)



Meta artist jonqox disinn jew xbieħa fl-injam, irid joqgħod b'seba' għajnejn għax tinqixa fonda aktar milli maħsub tista' tħassarlu dak li jkun irid jagħmel. Aktar u aktar meta x-xogħol ikun intenzjonat biex fih jibqgħu jidhru l-vini u ngroppi naturali ta' l-injama, l-iżball ma jitħassar qatt. Ir-restawr ukoll irid sengħa kbira. Restawratur irid ikun leali ħafna lejn l-istil u metodu tax-xogħol oriġinali. Ix-xogħol fl-iskultura u pittura, kemm oriġinali kif ukoll fir-restawr, huwa l-arti li fiha Samuel Bugeja qatta' karriera ta' 'l fuq minn 65 sena.

Samuel Bugeja twieled fir-Rabat, Malta nhar is-27 ta' April 1920. Huwa kien it-tielet wild fost sebat aħwa ta' Adam u Ġużeppa mwielda Galea. Missieru kien skultur fl-injam ma' kumpanija ta' l-għamara.

Samuel ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja tar-Rabat u dik Sekondarja fl-Imdina. Wara kien kompla jistudja t-Taljan waħdu filwaqt li ħadem u tħarreġ fl-arti fil-bottega ta' Benjamin Tonna fir-Rabat fejn Karmenu Tonna kien jgħallmu d-disinn. Aktar tard kien daħal l-Iskola ta' l-Arti u studja t-tpinġija taħt Edward Caruana Dingli, l-immudellar għand Antonio Micallef u l-istorja ta' l-arti mingħand Carmelo Attard Cassar.

Bugeja baqa' jattendi l-Mużew tar-Rabat anke wara li għamel il-griżma u sakemm kellu 20 sena baqa' jgħallem id-duttrina hemmhekk. Sadanittant kien jaħdem ma' missieru u meta dan ta' l-aħħar miet, Samuel ħa l-bottega tiegħu. Meta kellu 18-il sena għamel l-ewwel xogħol kbir tiegħu li kien ix-xogħol fl-injam tal-gallarija ta' l-orgni fil-knisja tan-Naxxar.

Fl-1942 daħal jaħdem bħala restawratur mas-Sezzjoni tar-Restawr fid-Dipartiment tal-Mużewijiet, liema sezzjoni kienet immexxija minn Antonio Sciortino. Fl-1957, imbagħad, kien mar f'dipartiment ieħor, dak ta' l-Edukazzjoni fejn beda jgħallem l-arti fl-iskejjel sekondarji. Kien jgħallem ukoll l-immudellar u t-tinqix fl-injam fl-Iskola ta' l-Arti.

Fl-1947, kien rebaħ borza ta' studju fl-iskultura li ħaditu fil-Kulleġġ ta' l-Arti f'Leicester fl-Ingilterra. Qabel ma telaq, iżda, kien iżżewweġ lil Helen (Nellie) mwielda Mahoney

minn l-Isla. Huma kienu marru joqgħodu x-Xatt f'Tas-Sliema u aktar tard telgħu fi Triq San Ġwann il-Battista. Minkejja li Samuel kellu kamra kbira fil-bitħa apposta biex fiha jaħdem l-arti tiegħu, tista' tgħid li kien jaħdem kullimkien. Ġieli ħadem fil-loġġa, fil-kamra tal-bejt u anke f'dik tal-pranzu minħabba l-kobor tagħha. Nelly u Samuel kellhom sitt ulied: Joe, Gerald, Mary Anne, Francis, Peter Paul u John. Għalkemm uliedu kollha jħobbu l-arti u ġieli anke għenu fix-xogħol ta' missierhom, Samuel qatt ma nkoraġġihom jaqbdu karriera fl-arti għax kien jippreferi li jkomplu jistudjaw.

Fil-bidu tas-snin ħamsin, Samuel ħadem xbieha ta' San Franġisk fl-injam u xi xogħol għall-knisja ta' Santu Wistin fil-Belt. Ħadem ukoll il-pulptu fil-bronz u l-injam għall-knisja ta' Stella Maris f'Tas-Sliema. Kien skolpixxa wkoll *The Olive Vendor* li għaliha talab waħda mill-ġirien, mara daqsxejn qawwija biex tippużalu, minbarra statwi u statwetti oħrajn li juru lil Sir Paul Boffa, Mons. Ġużeppi DePiro u Dun Ġorġ Preca.

Fl-istess żmien kien ħadem ukoll ajkla għall-kappella ta' l-*Air Force* f'Ħal-Luqa. Wara li l-*Air Force* kienet spiċċat minn Malta, Samuel kien ta dan ix-xogħol lill-knisja ta' Wied il-Għajn.

Fl-1955, mar jistudja fl-Istitut tar-Restawr f'Ruma, fi żmien meta l-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann ta' Caravaggio kienet restawrata hemmhekk. Kif reġa' lura Malta, fuq rakkomandazzjoni ta' Profs. Bramdo, kien tqabbad biex jirrestawra l-Katidral ta' l-Imdina liema xogħol ħadlu madwar 16-il sena. Matul dan ix-xogħol, Buġeja kien uża t-teknika *strappo* għall-ewwel darba f'Malta.

Wara li fl-1959 rebaħ kompetizzjoni b'ġurija Taljana biex isir pedestall għall-Assunta tar-Rabat Għawdex, fil-bidu tas-snin sittin kien għamel dan ix-xogħol fil-fidda. Ħadem ukoll skulturi bħal *The Divine Comedy, The Mermaid,* Ballerina, Salome`, San Ġwann tas-Salib, Maternita` u r-Reġina tal-Ħajja.

Fl-1967, kienet saret wirja f'Londra dwar l-arti kontemporanja Maltija. Fiha kien esebixxa x-xogħol fl-injam *Mother and Child.* Minħabba li Samuel ftit kien iħobb ibiegħ xogħlu, meta ntalab jagħti prezz, kien talab elf lira biex żgur ma jinbiegħx. Iżda x-xogħol tant ingħoġob li nbiegħ xorta lil Lindsay Fynn. Kopja ta' l-istess skultura tinsab fil-Mużew ta' l-Arti fil-Belt.

Fl-1972 kien tqabbad jirrestawra l-pitturi ta' Lazzru Pisani fil-Kolleġjata tan-Nadur. Fl-istess sena kien kixef u rrestawra l-eqdem xbieha tal-Madonna fis-Santwarju tal-Mellieħa wara li kienet ilha aktar minn mitt sena miksija bil-ġibs.

Fl-1977 kien irrestawra l-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt u sentejn wara rrestawra wkoll il-kurċifiss mirakoluż meqjum fil-knisja ta' Ġieżu.

Fl-1980 Samuel Bugeja kien ħadem l-istatwa titulari tal-parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Ġdid fuq talba tal-Kappillan Dun Victor Zammit McKeon. Għal dan il-għan kien inġab zokk ta' njam apposta mill-Afrika. Fl-1985 kien irrestawra l-affriski ta' Virginio Monti fil-Basilika ta' Birkirkara. F'dan ix-xogħol kellu jittrasferixxi l-pitturi minn fuq il-ġebla għal fuq it-tila.

Fl-1994 huwa rrestawra l-koppla ta' San Pawl tar-Rabat. Biex tasal għal din il-koppla trid titla' madwar 140 tarġa u minkejja li kellu 'l fuq minn 70 sena, Bugeja ma qatax qalbu. Anzi wara dan ix-xogħol kien tqabbad jaħdem ukoll ambone fil-bronz kif ukoll xi xogħol għall-artal maġġur fl-istess tempju.

L-aħħar xogħol għall-knejjes għamlu fis-sena 2001 meta rrestawra l-kurċifiss l-antik tal-Katidral ta' l-Imdina. Wara, Samuel baqa' jaħdem id-dar regolarment sa l-istess ġurnata li fiha miet.

Buġeja kiseb ħafna riżultati tajbin f'kompetizzjonijiet artistiċi li kien jidħol għalihom. Matul il-karriera twila tiegħu, kiseb ħafna kritika tajba mingħand diversi kritiċi kemm lokali kif ukoll barranin.

Bħala karattru, Samuel kien raġel riservat ħafna. Kien kemmxejn nervuż, iżda kwiet u ta' ftit kliem. Meta kien iħoss li xi ħadd naqsu, ma kienx imur jipprova jieħu tiegħu, iżda kien jirraġuna li s-skiet risposta u li ż-żmien jagħti l-parir.



*Samuel jaħdem l-istatwa titulari tal-Madonna ta' Lourdes ta' Raħal Ġdid*

Huwa kien iħobb jaqra ħafna; qari dwar artisti u dwar qaddisin. L-isport u mużika ma tantx kien xi dilettant kbir tagħhom. Darba, ftit wara li żżewġu, martu Nelly kienet staqsietu jekk iħobbx ikanta, jekk meta jkun kuntent kienx ikanta. Huwa wieġeb li meta jkun kuntent, kien jaħdem aktar. L-iżvog ta' l-emozzjonijiet tiegħu kien isibu fit-tinqix fl-injam, attivita` li żammitu żgħażugħ anke fi xjuħitu.

Ix-xogħolijiet tiegħu kien iqishom bħala ulied oħrajn. Ħafna skulturi u pitturi jżejnu d-dar fejn kien joqgħod u kuljum, qabel jitla' jorqod kien jagħmel ir-ronda. Arah idur magħhom bl-imħabba ta' missier jirranga xi kwadru jew statwa biex iġibhom dritti bl-eżatt.

Samuel Bugeja miet nhar it-18 ta' Jannar 2004 fl-eta` ta' 83 sena wara karriera ta' aktar minn 65 sena joħloq xogħolijiet artistiċi mill-isbaħ li għanew l-arti f'pajjiżna.

***Ħajr Joe Julian Farrugia***